VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,510, 24 ta' Novembru, 2009
Taqsima B

A.L. 343 ta' l-2009

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Ordni ta' l-2009 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja
(Taxxi fuq l-*Income*) (Montenegro)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2009 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq *Income*) (Montenegro).

Arranġamenti jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat -

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni saru mal-Montenegro sabiex jagħtu ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin imposti bil-liġijiet ta' Montenegro:

(1) it-taxxa fuq il-profitti;

(2) it-taxxa fuq l-*income*;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fit-23 ta' Settembru, 2009.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA

FTEHIM BEJN

MALTA U

MONTENEGRO

DWAR ĦELSIEN MINN TAXXA DOPPJA
DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME*

MALTA

U
MONTENEGRO

billi jixtiequ jagħmlu Ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja dwar taxxi fuq l-*income*, ftiehmu kif ġej:

Artikolu 1

PERSUNI KOPERTI

Dan il-Ftehim għandu japplika għal persuni li jkunu residenti fi Stat Kontraenti wieħed jew fit-tnejn li huma.

Artikolu 2

TAXXI KOPERTI

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għat-taxxi fuq l-*income* imposti f'isem Stat Kontraenti jew awtoritajiet lokali, irrispettivament mill-mod kif dawn jinġabru.

2. Għandhom jitqiesu bħala taxxi fuq l-*income* it-taxxi kollha imposti fuq l-*income* totali, jew fuq elementi ta' *incom*e, inklużi taxxi fuq dħul mill-bejgħ ta' proprjetà mobbli jew immobbli, taxxi fuq l-ammonti totali ta' pagi jew salarji mħallsa mill-impriżi, kif ukoll taxxi fuq l-apprezzament ta' kapital.

3. It-taxxi eżistenti li għalihom japplika dan il-Ftehim huma:

1) f'Montenegro:
(1) it-taxxa fuq il-profitt;
(2) it-taxxa fuq l-*income*;

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "**it-taxxa tal-Montenegro**");

(b) f'Malta:
it-taxxa fuq l-*incom*e;
(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "**it-taxxa ta' Malta**").

4. Il-Ftehim għandu japplika wkoll għal kull taxxa identika jew sostanzjalment simili li tiġi imposta wara d-data meta jiġi ffirmat il-Ftehim b'żjieda ma', jew minflok, it-taxxi eżistenti. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jgħarrfu lil xulxin b'kull tibdil sostanzjali li jkun sar fil-liġijiet tagħhom dwar it-taxxa.

Artikolu 3

TIFSIRIET ĠENERALI

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim:

1) il-frażijiet "**Stat Kontraenti**" u "**l-Istat Kontraenti l-ieħor**" ifissru Montenegro jew Malta, hekk kif tkun teħtieġ ir-rabta tal-kliem;

2) il-fraži "**Montenegro**" tfisser l-Istat ta' Montenegro u, meta użata f'sens ġeografiku, tfisser it-territorju ta' art ta' Montenegro, l-ibħra interni tagħha u l-faxxa tal-baħar territorjali, l-ispazju ta' l-ajru fuqu, kif ukoll qiegħ il-baħar u s-sottoswol ta' dik il-parti tal-baħar 'il barra mix-xefaq ta' barra tal-baħar

VERŻJONI ELETTRONIKA

territorjali li dwaru Montenegro teżerċita d-drittijiet sovrani tagħha għall-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali taħt il-liġi interna tagħha u l-liġi internazzjonali;

3) il-frażi "**Malta**" tfisser ir-Repubblika ta' Malta u, meta użata f'sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra ta' l-arċipelagu Malti, inklużi l-ibħra territorjali tagħhom, kif ukoll kull area ta' qiegħ il-baħar, is-sottoswol u l-kolonna ta' baħar sovrajaċenti u adjaċenti għall-ibħra territorjali, fejn Malta teżerċita drittijiet sovrani, ġurisdizzjoni jew kontroll taħt id-dritt internazzjonali u d-dritt nazzjonali tagħha, inklużi l-liġijiet tagħha dwar l-esplorazzjoni tal-blata kontinentali u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha;

4) il-frażi "**ċittadin**" tfisser:

(1) kull individwu li jkollu ċittadinanza ta' Stat Kontraenti;

(2) kull persuna legali, soċjetà jew assoċjazzjoni li tikseb l-istatus tagħha bħala tali mil-liġijiet li jkunu jseħħu fi Stat Kontraenti.

5) il-frażi "**persuna**" tinkludi individwu, kumpannija u kull korp ieħor ta' persuni;

6) il-frażi "**kumpannija**" tfisser korp magħqud jew enti li jkunu trattati bħala korp magħqud għall-iskopijiet tat-taxxa;

7) il-frażijiet "**impriża ta' Stat Kontraenti**" u "**impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor**" ifissru rispettivament impriża ġestita minn resident ta' Stat Kontraenti u impriża ġestita minn resident ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

8) il-frażi "**traffiku internazzjonali**" tfisser trasport li jsir b'bastiment jew inġenji ta' l-ajru mħaddma minn impriża ta' Stat Kontraenti, ħlief meta l-bastiment jew l-inġenji ta' l-ajru jkunu unikament imħaddma bejn postijiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor;

9) il-frażi "**awtorità kompetenti**" tfisser:

(1) dwar Montenegro, il-Ministeru tal-Finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħhom;

(2) dwar Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Għar-rigward ta' l-applikazzjoni tal-Ftehim f'kull waqt minn Stat Kontraenti, kull frażi li ma tkunx imfissra fih għandu jkollha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsira li din ikollha f'dak il-waqt taħt il-liġi ta' dak l-Istat għall-finijiet tat-taxxi li dwarhom ikun japplika l-Ftehim, hekk li kull tifsira taħt il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

liġijiet dwar it-taxxi applikabbli ta' dak l-Istat għandha tkun tipprevalixxi fuq tifsira mogħtija lill-frażi taħt liġijiet oħra ta' dak l-Istat.

Artikolu 4

RESIDENT

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi **"resident ta' Stat Kontraenti"** tfisser kull persuna li, taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat, tkun soġġetta għat-taxxa hemmhekk minħabba d-domiċilju, ir-residenza, il-post tal-maniġġ jew xi kriterju ieħor ta' xorta simili u tinkludi ukoll dak l-Istat jew awtorita' lokali tiegħu. Il-frażi, madankollu, ma tinkludix lil xi persuna li tista' teħel it-taxxa f'dak l-Istat għar-rigward biss ta' *income* minn għejjun f'dak l-Istat.

2. Meta minħabba d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 individwu jkun resident taż-żewġ Stati Kontraenti, allura l-istatus tiegħu għandu jiġi stabbilit kif ġej:

1) huwa għandu jitqies li jkun resident unikament ta' l-Istat li fih ikollu dar permanenti għad-disposizzjoni tiegħu; jekk huwa jkollu dar permanenti għad-disposizzjoni tiegħu fiż-żewġ Stati, huwa għandu jitqies li jkun resident ta' l-Istat li miegħu r-relazzjonijiet personali u ekonomiċi tiegħu jkunu l-aktar marbuta (ċentru ta' interessi vitali);

2) jekk l-Istat li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interessi vitali tiegħu ma jistax jiġi stabbilit, jew jekk huwa ma jkollux għad-disposizzjoni tiegħu dar permanenti f'ebda Stat, huwa għandu jitqies li jkun resident unikament ta' l-Istat li fih soltu jirrisjedi;

3) jekk huwa jkun soltu jirrisjedi fiż-żewġ Stati jew f'ebda wieħed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun resident unikament ta' l-Istat li jkun ċittadin tiegħu;

4) jekk huwa jkun ċittadin taż-żewġ Stati jew ta' ebda wieħed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim bejniethom.

3. Meta minħabba d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 persuna li ma tkunx individwu tkun resident taż-żewġ Stati Kontraenti, dik il-persuna għandha għaldaqstant titqies li tkun resident unikament ta' l-Istat fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv tagħha.

Artikolu 5

STABBILIMENT PERMANENTI

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi **"stabbiliment permanenti"** tfisser post tan-negozju fiss li minnu jitmexxa għalkollox jew f'parti minnu x-xogħol ta' impriża.

2. Il-frażi **"stabbiliment permanenti"** tinkludi b'mod speċjali:

VERŻJONI ELETTRONIKA

1) post ta' maniġġ;

2) fergħa;

3) uffiċċju;

4) fabbrika;

5) ħanut tax-xogħol; u

6) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kull post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali.

3. Il-frażi **"stabbiliment permanenti"** bl-istess mod tħaddan:

1) art li tkun qegħda tinbena jew kostruzzjoni, proġett ta assemblaġġ jew ta' stallazzjoni jew attivitajiet superviżorji li jkollhom x'jaqsmu ma' dan, iżda biss meta dik l-art, dak il-proġett jew dawk l-attivitajiet ikomplu għal-perjodu ta' aktar minn disa' xhur;

2) l-għoti ta' servizzi, inklużi servizzi ta' konsulenza, minn impriża permezz ta' impjegati jew ta' persunal ieħor imqabbad mill-impriża għaldaqstant, iżda biss sakemm attivitajiet ta' dik ix-xorta ikomplu (għall-istess proġett jew għal proġett konness) fi Stat Kontraenti għal perjodu jew perjodi li flimkien iġibu aktar minn sitt xhur f'xi perjodu ta' tnax-il xahar.

4. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artikolu, il-frażi **"stabbiliment permanenti"** għandha titqies li ma tinkludix:

1) l-użu ta' faċilitajiet għall-iskop uniku ta' ħażna, wiri jew kunsinna ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu proprjetà ta' l-impriża;

2) il-manutenzjoni ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu proprjetà ta' l-impriża għall-iskop uniku ta' ħażna, wiri jew kunsinna;

3) il-manutenzjoni ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop uniku ta' proċessar minn impriża oħra;

4) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku ta' xiri ta' oġġetti jew merkanzija jew ta' ġbir ta' tagħrif, għall-impriża;

5) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku li tiġi ġestita, għall-impriża, xi attività oħra ta' xorta preparatorja jew awżiljarja;

6) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku ta' xi kombinazzjoni ta' l-attivitajiet imsemmija fis-subparagrafi 1) sa 5), kemm-il darba l-attività kollha tal-post tan-negozju fiss li tirriżulta minn din il-kombinazzjoni tkun waħda ta' xorta preparatorja jew awżiljari.

5. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, meta persuna - li ma tkunx aġent bi status indipendenti li għalih japplika l-paragrafu 6 - tkun qegħda taġixxi f'isem impriża u jkollha, u tkun soltu teżerċita, fi Stat Kontraenti awtorità biex tagħmel kuntratti f'isem l-impriża, dik l-impriża għandha titqies li jkollha stabbiliment permanenti f'dak l-Istat għar-rigward ta' kull attività li dik il-persuna tagħmel għal dik l-impriża, kemm-il darba l-attivitajiet ta' dik il-persuna ma jkunux limitati għal dawk imsemmija fil-paragrafu 4 li, jekk jiġu eżerċitati minn ġo post tan-negozju fiss, ma jirrendux dan il-post ta' negozju fiss bħala stabbiliment permanenti taħt id-disposizzjonijiet ta' dak il-paragrafu.

6. Impriża ma għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fi Stat Kontraenti unikament għaliex tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat permezz ta' sensal, aġent b'kummissjoni ġenerali jew kull aġent ieħor bi status indipendenti, sakemm dawk il-persuni jkunu qed jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom. Iżda, meta l-attivitajiet ta' dak l-aġent ikunu qegħdin jitwettqu għalkollox jew kważi għalkollox għal dik l-impriża, u jsiru jew jiġu imposti kundizzjoniet bejn dik l-impriża u l-aġent fir-relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji ta' bejniethom li jkunu differenti minn dawk li kienu kieku jsiru bejn impriżi indipendenti, huwa ma għandux jitqies bħala aġent bi status indipendenti fis-sens ta' dan il- paragrafu.

7. Il-fatt li kumpannija li tkun resident ta' Stat Kontraenti tkun tikkontrolla jew tkun kontrollata minn kumpannija li tkun resident ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor (sew permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi lil xi kumpannija waħda jew l-oħra stabbiliment permanenti tal-kumpannija l-oħra.

Artikolu 6

INCOME MINN PROPRJETÀ IMMOBBLI

1. *Income* li jinkiseb minn resident ta' Stat Kontraenti minn proprjetà immobbli (inkluż *income* mill-agrikoltura jew ħidma fil-boskijiet) li jkunu jinsabu fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi **"proprjetà immobbli"** għandu jkollha t-tifsira li għandha taħt il-liġi ta' l-Istat Kontraenti li fih tkun tinsab il-proprjetà involuta. Il-frażi għandha f'kull każ tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobbli, bhejjem f'razzett u tagħmir li jintuża fl-agrikoltura u fil-ħidma fil-boskijiet, drittijiet li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi ġenerali dwar il-proprjetà ta' l-art, l-użufrutt tal-proprjetà immobbli u d-drittijiet dwar ħlasijiet varjabbli jew fissi bħala korrispettiv għal ħidma fi, jew id-dritt li jinħadmu depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali; bastimenti, opri tal-baħar u inġenji ta' l-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobbli.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ikunu japplikaw għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, kiri, jew użu ta' kull xorta ta' proprjetà immobbli.

VERŻJONI ELETTRONIKA

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għall-*income* minn proprjetà immobbli ta' impriża u għal *income* minn proprjetà immobbli użata għall-għemil ta' servizzi personali indipendenti.

Artikolu 7

PROFITTI MINN NEGOZJU

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti għandhom ikunu biss taxxabbli f'dak l-Istat kemm-il darba l-impriża ma tmexxix negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk. Jekk l-impriża tkun qiegħda tmexxi negozju kif hawn aktar qabel imsemmi, il-profitti ta' l-impriża jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat Kontraenti l-ieħor iżda biss għal dik il-parti minnhom daqskemm tkun attribwibbli għal dak l-istabbiliment permanenti.

2. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3, meta impriża ta' Stat Kontraenti tkun tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk, għandhom f'kull Stat Kontraenti jiġu attribwiti lil dak l-istabbiliment permanenti l-profitti li kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-istess kondizzjonijiet jew oħrajn bħalhom u li taħdem għalkollox indipendentement mill-impriża li tkun stabbiliment permanenti tagħha.

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis l-ispejjeż kollha li jsiru għall-finijiet ta' l-istabbiliment permanenti, inklużi l-ispejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jsiru, sew fl-Istat fejn ikun hemm l-istabbiliment permanenti sew band'oħra.

4. Sakemm tkun il-konswetudni fi Stat Kontraenti li jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba fi tqassim tal-profitti totali ta' l-impriża lill-partijiet diversi tagħha, ebda ħaġa fil-paragrafu 2 m'għandha tipprekludi lil dak l-Istat Kontraenti milli jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu intaxxati b'dak it-tqassim hekk kif jista' jkun konswetudinarju; il-metodu ta' tqassim li jiġi adottat għandu, madankollu, jkun tali li r-riżultat għandu jkun jaqbel mal-prinċipji li jinsabu f'dan l-Artikolu.

5. Ebda profitti m'għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba biss f'li jsir ix-xiri minn dak l-istabbiliment permanenti ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

6. Għall-għanijiet tal-paragrafi preċedenti, il-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess metodu sena wara l-oħra kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u suffiċjenti biex dan ma jsirx.

7. Meta l-profitti jkunu jinkludu oġġetti ta' *income* li jkunu qegħdin jiġu trattati separatament f'Artikoli oħra ta' dan il-Ftehim, id-disposizzjonijiet ta' dawk l-Artikoli ma għandhomx għaldaqstant jintlaqtu bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 8

Traffiku Internazzjonali

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ukoll japplikaw għal profitti mill-parteċipazzjoni f'*poo*l, negozju bi sħab jew aġenzija b'operat internazzjonali.

Artikolu 9

IMPRIŻI ASSOĊJATI

1. Meta:

1) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

2) l-istess persuni jipparteċipaw direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ isiru jew jiġu imposti kondizzjonijiet bejn iż-żewġ impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħhom li ma jkunux jaqblu ma' dawk li kieku kienu jiġu magħmula bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ il-profitti li, kieku ma kienux dawk il-kondizzjonijiet, kienu jakkumulaw favur waħda mill-impriżi, iżda, minħabba f'dawk il-kondizzjonijiet, ma jkunux ġew hekk akkumulati, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u intaxxati għaldaqstant.

2. Meta Stat Kontraenti jinkludi fil-profitti ta' impriża ta' dak l-Istat - u għaldaqstant jintaxxa - profitti li fuqhom impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor tkun ġiet intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor u l-profitti hekk inklużi jkunu profitti li kienu jinqalgħu mill-impriża ta' l-ewwel Stat li kieku l-kondizzjonijiet magħmulin bejn iż-żewġ impriżi kienu dawk li kienu jsiru bejn żewġ impriżi indipendenti, għaldaqshekk dak l-Istat l-ieħor jista' jagħmel it-tibdil adatt fl-ammont tat-taxxa imposta hemmhekk fuq dawk il-profitti. Sabiex jiġi stabbilit dak it-tibdil, għandhom jitqiesu kif dovut id-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jekk ikun hekk meħtieġ jikkonsultaw lil xulxin.

Artikolu 10

DIVIDENDI

1. Dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun resident ta' Stat Kontraenti lil resident ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

VERŻJONI ELETTRONIKA

2. Madankollu, dawk id-dividendi jistgħu jiġu ukoll intaxxati fl-Istat Kontraenti li tiegħu l-kumpannija li tkun qegħda tħallas id-dividendi tkun resident u kif hemm fil-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda

1) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija resident ta' Montenegro lil resident ta' Malta li jkun is-sid benefiċjarju ta' dawk id-dividendi, it-taxxa ta' Montenegro li għandha hekk titħallas m'għandhiex teċċedi:

(1) 5 fil-mija mill-ammont gross tad-dividendi jekk is-sid benefiċjarju jkun kumpannija li direttament ikollha mill-inqas 25 fil-mija tal-kapital tal-kumpannija li tkun qegħda tħallas id-dividendi;

(2) 10 fil-mija mill-ammont gross tad-dividendi fil-każijiet l-oħra kollha;

2) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija resident ta' Malta lil resident ta' Montenegro li jkun is-sid benefiċjarju ta' dawk id-dividendi, it-taxxa ta' Malta li għandha titħallas fuq l-ammont gross tad-dividend m'għandhiex teċċedi lil dik li jkollha titħallas fuq il-profitti li d-dividendi jitħallsu minnhom.

Dan il-paragrafu m'għandux jaffettwa l-intaxxar tal-kumpannija fuq dawk il-profitti li d-dividendi jitħallsu minnhom.

3. Il-fraži **"dividendi"** kif din tintuża f'dan l-Artikolu tfisser *income* minn ishma, jew drittijiet oħra, li ma jkunux pretensjonijiet ta' debitu, li jipparteċipaw fi profitti, kif ukoll *income* minn drittijiet korporattivi oħra li jkun soġġett għall-istess trattament ta' taxxa bħal *income* minn ishma kif hemm fil-liġijiet ta' l-Istat li l-kumpannija li tkun qegħda tagħmel it-tqassim tkun residenti tiegħu.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun resident ta' Stat Kontraenti, imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li tiegħu tkun resident l-kumpannija li tħallas id-dividendi, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, jew li jkun jagħmel f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u l-*holding* li dwaru d-dividendi jkunu mħallsa jkollu effettivament x'jaqsam ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 jew ta' l-Artikolu 14, kif ikun il-każ.

5. Meta kumpannija li tkun resident ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief għal dawk id-dividendi li jitħallsu lil resident ta' dak l-Istat l-ieħor jew sakemm il-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkun effettivament konness ma' l-istabbiliment permanenti jew ma' bażi stabbilita sitwati f'dak Istat l-ieħor, lanqas ma jista' l-istat jassoġġetta l-profitti mhux imqassma tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux imqassma tal-kumpannija, ukoll jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux imqassma ikunu kollha kemm huma jew f'parti minnhom jikkonsistu fi profitti jew *income* li jinqalgħu f'dak l-Istat l-ieħor.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 11

MGĦAX

1. Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u jitħallas lil resident ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jista'jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dak l-imgħax jista' ikun intaxxat ukoll fl-Istat Kontraenti li fih jinqala' u kif hemm fil-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda jekk is-sid benefiċċjarju ta' dak l-imgħax ikun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, it-taxxa hekk imposta m'għandhiex taqbeż 10 fil-mija ta' l-ammont gross ta' l-imgħax.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2, l-imgħax għandu jkun eżenti mit-taxxa fl-Istat Kontraenti li fih jinqala' jekk ikun miksub minn u s-sid benefiċċjarju tiegħu jkun, il-Gvern ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jew awtorita' lokali tiegħu, il-Bank Ċentrali jew xi istituzzjoni finanzjarja li s-sid tagħha jkun biss dak il-Gvern.

4. Il-fraži "**mgħax**" kif inhi użata f'dan l-Artikolu tfisser *income* minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull xorta, sew jekk assikurati b'ipoteka sew jekk le, u sew jekk ikollhomx dritt li jipparteċipaw fil-profitti tad-debitur sew jekk le, u b'mod partikolari, *income* minn titoli tal-Gvern u *income* minn *bonds* jew *debenture*s, inklużi *premiums* u premjijiet marbutin ma' dawk it-titoli, *bonds* jew *debenture*s. Ħlasijiet ta' penali għal ħlas tardiv ma jitqisux bħala mgħax għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

5. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, 2 u 3 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, li jkun resident ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqala' l-imgħax, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak Istat l-ieħor minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u l-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas l-imgħax tkun effettivament konnessa ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'każ bħal dak għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 jew ta' l-Artikolu 14, kif ikun il-każ.

6. L-imgħax għandu jitqies li joriġina fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun residenti ta' dak l-Istat. Meta, madankollu, l-persuna li tkun qegħda tħallas l-imgħax, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, ikollha fi Stat Kontraenti stabbilment permanenti jew bażi fissa li f'konnessjoni magħhom kien sar id-dejn li fuqu jitħallas l-imgħax, u dak l-imgħax jiġġarrab minn dak l-istabbilment jew bażi fissa, għaldaqstant dak l-imgħax għandu jitqies li joriġina fl-Istat fejn ikunu jinsabu l-istabbilment permanenti jew il-bażi fissa.

7. Meta, minħabba f'relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejn it-tnejn li huma u xi persuna oħra, l-ammont ta' mgħax imħallas, wara li titqies xi tkun il-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'każ bħal dak, il-parti żejda tal-ħlasijiet tibqa' taxxabbli skont il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, in konsiderazzjoni tad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 12

ROYALTIES

1. *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u jitħallsu lil resident ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dawk ir-*royalties* jistgħu wkoll jiġu intaxxati fl-Istat Kontraenti minn fejn joriġinaw u kif hemm fil-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties* ikun resident ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, it-taxxa hekk imħallsa m'għandhiex teċċedi:

1) 5 fil-mija ta' l-ammont gross tar-*royalties* kif imfissra fis-subparagrafu 1) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artiklu;
2) 10 fil-mija ta' l-ammont gross tar-*royalties* kif imfissra fis-subparagrafu 2) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artiklu.

3. Il-frażi "***royalties***" kif din tintuża f'dan l-Artikolu tfisser ħlasijiet ta' kull xorta li jsiru b'korrispettiv:
   1) għall-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu, ta' xi dritt ta' l-awtur ta' xogħol letterarju, artistiku jew xjentifiku inklużi *films* ċinematografiċi jew *films* jew *tapes* użati għal xandir bir-radju jew bit-televizjoni; u
   2) għall-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu, kull privattiva, *trade mar*k, disinn jew mudell, pjan, formula jew proċess sigrieti, jew biex jintuża, jew għad-dritt li jintuża, xi tagħmir industrijali, kummerċjali jew xjentifiku, jew għal informazzjoni dwar esperjenza industrijali, kummerċjali jew xjentifika.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, li jkun resident ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqalgħu r-*royalties*, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew ikun jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak l-Istat l-ieħor minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallsu r-*royalties* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 jew ta' l-Artikolu 14, kif ikun il-każ.

5. Ir-*royalties* jitqiesu li joriġinaw fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun resident ta' dak l-Istat. Meta, madankollu, il-persuna li tkun qed tħallas dawk ir-*royalties*, sew jekk tkun resident ta' Stat Kontraenti sew jekk le, jkollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew xi bażi stabbilita li f'konnessjoni magħhom kienet saret l-obbligazzjoni li fuqu jitħallsu r-*royalties* u dawk ir-*royalties* jiġġarbu minn dak l-istabbiliment jew bażi stabbilita, għaldaqstant dawk ir-*royalties* għandhom jitqiesu li joriġinaw fl-Istat fejn ikun jinsab l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita.

6. Meta, minħabba r-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju effettiv jew bejniethom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties*, in konsiderazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

ta' x'ikun l-użu, id-dritt jew l-informazzjoni li jitħallsu għalihom, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli kif hemm fil-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 13

QLIGĦ KAPITALI

1. Qligħ li jinkiseb minn resident ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli msemmi fl-Artikolu 6 u sitwat fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà tan-negozju ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew ta' proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għal bażi stabbilita disponibbli għal resident ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jitwettqu servizzi personali indipendenti, inkluż dak il-qligħ mit-trasferiment ta' dak l-istabbiliment permanenti (waħdu jew flimkien ma' l-impriża kollha) jew ta' dik il-bażi stabbilita, jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

3. Qligħ li jinkiseb minn impriża ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru li jitħaddmu fi traffiku internazzjonali jew proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għat-tħaddim ta' dawk il-bastimenti jew inġenji ta' l-ajru, għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

4. Qligħ li jinkiseb minn resident ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' ishma jew drittijiet bħal dawn f'kumpannija li l-proprjeta' tagħha tkun tikkonsisti direttament jew indirettament prinċipalment minn proprjeta' immobbli li tkun sitwata fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat.

5. Qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà li ma tkunx dik imsemmija fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti li t-trasferent ikun resident tiegħu.

Artikolu 14

SERVIZZI PERSONALI INDIPENDENTI

1. *Income* li jinkiseb minn resident ta' Stat Kontraenti għal servizzi professjonali jew attivitajiet oħra ta' xorta indipendenti għandu jkun intaxxat biss f'dak l-Istat ħlief fiċ-cirkustanzi li ġejjin, meta dak l-*income* jista' jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti l-ieħor:

> 1) jekk ikollu bażi stabbilita regolarment disponibbli għalih fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jwettaq l-attivitajiet tiegħu; f'dak il-każ hi biss dik il-parti mill-*income* tiegħu daqskemm tkun attribwibbli lil dik il-bażi stabbilita li tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

2) jekk il-qagħda tiegħu fl-Istat l-ieħor tkun għal perjodu jew għal perjodi li jammontaw għal jew jaqbżu l-183 ġurnata f'perjodu ta' tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena fiskali in kwistjoni; f'dak il-każ hi biss dik il-parti mill-*income* daqskemm tinkiseb mill-attivitajiet mwettqa f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor li tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi **"servizzi professjonali"** tinkludi attivitajiet xjentifiċi, letterarji, artistiċi, edukattivi jew ta' tagħlim li huma speċjalment indipendenti kif ukoll l-attivitajiet indipendenti ta' tobba, avukati, inġiniera, periti u *accountant*s.

Artikolu 15

SERVIZZI PERSONALI DIPENDENTI

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 16, 18 u 19, is-salarji, il-pagi u kumpens ieħor bħal dak li jinkisbu minn resident ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impjieg ma jiġix eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impjieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-kumpens li jinkiseb minn resident ta' Stat Kontraenti dwar impjieg eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk:

1) min jirċevih ikun preżenti fl-Istat l-ieħor għal perjodu jew perjodi li ma jaqbżux it-total ta' 183 ġurnata f'perjodu ta' tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena fiskali involuta, u

2) il-kumpens jitħallas minn, jew f'isem, prinċipal li ma jkunx resident ta' l-Istat l-ieħor, u

3) il-kumpens ma jkunx piż fuq l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artikolu, il-kumpens li jinkiseb dwar impjieg eżerċitat abbord bastiment jew inġenji ta' l-ajru operati fi traffiku internazzjonali minn impriża ta' Stat Kontraenti jista' jiġi ntaxxat f'dak l-Istat.

Artikolu 16

DRITTIJIET TAD-DIRETTURI

Id-drittijiet tad-diretturi u ħlasijiet oħra simili li jinkisbu minn resident ta' Stat Kontraenti fil-kapaċità tiegħu ta' membru tal-bord ta' diretturi ta' kumpannija li tkun resident ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

Artikolu 17

ARTISTI U SPORTIVI

VERŻJONI ELETTRONIKA

1. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 14 u 15, *income* li jinkiseb minn resident ta' Stat Kontraenti bħala uħud li jagħtu spettaklu, bħal artisti tat-teatru, tal-*films* ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, jew bħala mużiċisti, jew bħala sportiv, mill-attivitajiet personali tiegħu bħala tali li jiġu eżerċitati fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Meta *income* dwar attivitajiet personali eżerċitati minn min jagħti spettaklu jew minn sportiv fil-ħidma tiegħu bħala tali jingħabar mhux minn għand min jagħti spettaklu jew l-isportiv innifsu iżda minn xi persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 7, 14 u 15, jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti li fih jiġu eżerċitati l-attivitajiet ta' min jagħti spettaklu jew ta' l-isportiv.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, *income* msemmi f'dan l-Artikolu għandu jkun eżenti mit-taxxa fl-Istat Kontraenti li fih l-attivita' ta'min jagħti spettaklu jew l-isportiv tiġi eżerċitata sakemm dik l-attivita' tkun megħjuna f'parti konsiderevoli min fondi pubbliċi ta' l-Istat jew awtorita' lokali tiegħu jew ta' l-Istat l-ieħor jew awtorita' lokali tiegħu, jew l-attivita' tkun eżerċitata taħt ftehim jew arranġament kulturali jew sportiv bejn l-Istati Kontraenti.

Artikolu 18

PENSJONIJIET

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 19, pensjonijiet u ħlas ieħor simili li jitħallsu lil residenti ta' Stat Kontraenti minħabba f'xi impieg ta' qabel għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, pensjonijiet u ħlasijiet oħra simili li jinqalgħu fi Stat Kontraeneti u li jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor minħabba xi impjieg ta' qabel jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat l-ewwel imsemmi sakemm dawk il-pensjonijiet u ħlasijiet oħra simili ma' jkunux soġġetti għat-taxxa fl-Istat l-ieħor.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, pensjonijiet mħallsa u pagamenti oħra li jsiru taħt il-leġislazzjoni tas-sigurta' soċjali ta' Stat Kontraenti għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

Artikolu 19

SERVIZZ TAL-GVERN

1. 1) Kull salarju, paga u rimunerazzjoni simili, minbarra pensjoni, imħallsa minn Stat Kontraenti jew awtorita' lokali tiegħu lil individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtijin lil dak l-Istat jew awtorita' għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

VERŻJONI ELETTRONIKA

2) Madankollu, kull salarju, paga u kumpens simili ieħor għandhom ikunu taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-Istat u l-individwu jkun resident f'dak l-Istat li:

(1) jkun ċittadin ta' dak l-Istat; jew

(2) ma jkunx sar resident ta' dak l-Istat unikament sabiex jagħti dawk is-servizzi.

2. 1) Kull pensjoni mħallsa minn, jew li toħroġ minn fond maħluq minn, Stat Kontraenti jew minn awtorita' lokali tiegħu, lil individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew awtorità għandha tkun taxxabbli biss f'dak l-Istat.

2) Madankollu, pensjoni bħal dik għandha tiġi intaxxata biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk l-individwu jkun resident u ċittadin ta' dak l-Istat.

3. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 15, 16, 17 u 18 għandhom japplikaw għal kull salarju, paga u kumpens simili ieħor u għal pensjonijiet, għar-rigward ta' servizzi mogħtijin f'dak li għandu x'jaqsam ma' negozju li jkun ġestit minn Stat Kontraenti jew awtorita' lokali tiegħu.

Artikolu 20

STUDENTI

Dawk il-ħlasijiet li student jew apprendist kummerċjali, li jkun jew li minnufih qabel ma jkun żar Stat Kontraenti kien resident ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor u li jkun preżenti fl-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi unikament għall-fini ta' l-edukazzjoni jew it-taħriġ tiegħu, jircievi għall-finijiet tal-manteniment, edukazzjoni jew taħriġ tiegħu, m'għandhomx jiġu intaxxati f'dak l-Istat, sakemm dawk il-ħlasijiet ikunu joriġinaw minn għejjun minn barra dak l-Istat.

Artikolu 21

***INCOME* IEĦOR**

1. Elementi ta' *income* ta' resident ta' Stat Kontraenti, jinqalgħu minn fejn jinqalgħu, li ma jkunux ittrattati fl-Artikoli hawn aktar qabel imsemmija ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għal *incom*e, li ma jkunx *income* minn proprjetà immobbli kif imfisser fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 6, jekk min jirċievi dak l-*incom*e, għax ikun resident ta' Stat Kontraenti, jiġġestixxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab f'dak l-Istat, jew iwettaq f'dak Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita li tkun tinsab hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallas l-*income* ikun effettivament konness ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi

stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 jew ta' l-Artikolu 14, kif ikun il-każ.

Artikolu 22

ELIMINAZZJONI TA' TASSAZZJONI DOPPJA

1. Meta residenti ta' stat Kontraenti jikseb *income* li, kif hemm fid-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, jista' jiġi intaxxat fl-Istat Kontaenti l-ieħor, l-Istat l-ewwel imsemmi għandu jagħti bħala tnaqqis mit-taxxa fuq l-*income* ta' dak ir-residenti, dak l-ammont li jkun daqs it-taxxa fuq l-*income* imħallsa f'dak l-Istat l-ieħor. Dak it-tnaqqis, madankollu, ma għandux jeċċedi dik il-parti tat-taxxa fuq l-*income*, kif maħduma qabel jingħata dak it-tnaqqis, li tkun attribwibbli għall-*income* li jista' jiġi ntaxxat fl-Istat l-ieħor.

2. Meta kif hemm f'xi disposizzjoni ta' dan il-Ftehim *income* miksub minn resident ta' Stat Kontraenti jkun eżenti mit-taxxa f'dak l-Istat, dak l-istess Stat jista' madankollu, meta jiġi kalkulat minnu l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* li jifdal ta' dak ir-resident, iqis dak l-*income* li jkun ġie eżentat.

Artikolu 23

EBDA DISKRIMINAZZJONI

1. Iċ-ċittadini ta' Stat Kontraenti m'għandhomx jiġu assoġġettati fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal xi tassazzjoni jew għal xi ħtieġa li jkunu konnessi ma' dan, li tkun diversa jew ta' iktar piż mill-intaxxar u l-ħtigiet konnessi li għalihom iċittadini ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi, partikolarment dwar dik li hi r-residenza tagħhom, huma jew jistgħu jkunu soġġetti. Din id-disposizzjoni għandha, minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1, tkun tapplika wkoll għal persuni li ma jkunux residenti ta' xi Stat Kontraenti wieħed jew tat-tnejn li huma.

2. L-intaxxar fuq stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor m'għandux jingħabar inqas favorevolment f'dak Istat l-ieħor mit-tassazzjoni miġbura fuq impriżi ta' dak l-Istat l-ieħor li jkun qiegħed iwettaq l-istess attivitajiet. Din id-disposizzjoni m'għandhiex titqies bħala waħda li tobbliga lil Stat Kontreanti li jagħti lil resident ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor *allowances*, ħelsien u tnaqqis personali għal finijiet ta' taxxa minħabba fl-istat ċivili jew responsabbiltajiet familjari tagħhom li dan jagħti lil resident tiegħu.

3. Ħlief fejn id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 9, tal-paragrafu 7 ta' l-Artikolu 11, jew tal-paragrafu 6 ta' l-Artikolu 12 japplikaw, mgħax, *royalties* u ħlasijiet oħra li jitħallsu minn impriża ta' Stat Kontraenti lil resident ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom, għall-għan li jiġu stabbiliti x'inhuma l-profitti taxxabbli ta' dik l-impriża, jiġu mnaqqsa taħt l-istess kondizzjonijiet bħallikieku kienu mħallsa lil resident ta' l-ewwel Stat imsemmi.

4. Impriżi ta' Stat Kontraenti, li l-kapital tagħhom ikun għalkollox jew f'parti proprjetà jew taħt il-kontroll, sew dirett sew mhux dirett, ta' resident wieħed jew aktar

VERŻJONI ELETTRONIKA

ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, ma għandhomx jkunu soġġetti fl-Istat l-ewwel imsemmi għal xi tassazzjoni jew ħtieġa konnessa ma' dan li tkun xort'oħra jew ta' iktar piż mit-tassazzjoni u ħtiġiet konnessi li għalihom ikunu jew jistgħu jkunu assoġġettati l-impriżi simili ta' l-Istat l-ewwel imsemmi.

5. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw għat-taxxi imsemmija fl-Artiklu 2.

Artikolu 24

PROĊEDURA GĦAL FTEHIM REĊIPROKU

1. Meta persuna jidhrilha li l-azzjonijiet ta' xi wieħed jew taż-żewġ Stati Kontraenti jirriżultawlu jew jistgħu jirriżultawlu f'tassazzjoni li ma tkunx konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, huwa jista', irrispettivament mir-rimedji pprovduti mil-liġi domestika ta' dawk l-Istati, jippreżenta l-każ tiegħu quddiem l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu huwa jkun residenti jew, jekk il-każ tiegħu jkun jaqa' taħt il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 23, lil dik ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu huwa jkun ċittadin. Il-każ għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin mill-ewwel avviż ta' l-azzjoni li tirriżulta f'intaxxar li ma jkunx skont id-disposizzjonijiet tal-Ftehim.

2. L-awtorità kompetenti għandha tistħarreġ, jekk ikun jidhrilha li l-oġġezzjoni tkun ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, li tirrisolvi l-każ bi ftehim reċiproku ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li tiġi evitata tassazzjoni li ma tkunx konformi mal-Ftehim. Meta jintlaħaq ftehim dan għandu jiġi implimentat minkejja kull terminu ta' żmien fil-liġi domestika ta' l-Istati Kontraenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jistħarrġu kif jirrisolvu permezz ta' ftehim reċiproku kull diffikultà jew dubbju li jista' jitnissel dwar l-interpretazzjoni Jew l-applikazzjoni tal-Ftehim. Dawn jistgħu wkoll jikkonsultaw flimkien dwar l-eliminazzjoni ta' tassazzjoni doppja f'dawk il-każijiet li m'hemm xejn provdut dwarhom fil-Ftehim.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin direttament, ukoll permezz ta' kummissjoni konġunta li tkun tikkonsisti minnhom stess jew mir-rappreżentanti tagħhom, bil-għan li jilħqu ftehim fis-sens tal-paragrafi preċedenti.

Artikolu 25

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa għat-twettiq tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew tal-liġijiet domestiċi ta' l-Istati Kontraenti għar-rigward ta' taxxi koperti bil-Ftehim sakemm l-intaxxar li jsir taħthom ma jkunx kuntrarju għall-Ftehim, partikularment għal prevenzjoni ta' frodi u evażjoni ta' taxxa. L-iskambju ta' informazzjoni m'huwiex ristrett bl-Artikolu 1. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta

VERŻJONI ELETTRONIKA

minn Stat Kontraenti għandha tiġi trattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħall-informazzjoni miksuba taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) li jkunu involuti fl-istima jew fil-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, jew id-deċiżjoni ta' appelli dwar, it-taxxi koperti bil-Ftehim. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuħ jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji.

3. F'ebda każ ma għandhom id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

1) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet u mal-prattika amministrattiva ta' dak jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

2) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali ta' l-amministrazzjoni ta' dak jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

3) li jagħti informazzjoni li tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess tal-kummerċ, jew informazzjoni, li meta tiġi żvelata din tkun tmur kontra l-ordni pubbliku *(ordre public*).

Artikolu 26

MEMBRI TA' MISSJONIJIET DIPLOMATIĊI U KARIGI KONSULARI

Ebda ħaġa f'dan il-Ftehim ma għandha tolqot il-privileġġi fiskali ta' membri ta' missjonijiet diplomatiċi jew karigi konsulari taħt ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew taħt id-disposizzjonijiet ta' kull ftehim speċjali.

Artikolu 27

BIDU FIS-SEĦĦ

1. L-Istati Kontraenti għandhom javżaw wieħed lill-ieħor bil-miktub, permezz ta' kanali diplomatiċi, li l-proċeduri meħtieġa mill-liġijiet domestiċi tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ikunu ġew imwettqa.

2. Dan il-Ftehim għandu jibda jseħħ fid-data meta jingħata l-aħħar minn dawn l-avviżi u d-disposizzjonijiet tiegħu għandu jkollhom effett:

1) fil-Montenegro: dwar taxxi fuq l-*income* miksub f'kull sena fiskali li tibda fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena kalendarja li tiġi wara s-sena li fiha il-Ftehim jibda jseħħ;

VERŻJONI ELETTRONIKA

2) f'Malta: dwar taxxi fuq l-*income* miksub matul xi sena kalendarja jew perjodu ta' kontijiet, kif ikun il-każ, li jibda għaddej fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar li jiġi minnufih wara d-data meta jibda jseħħ il-Ftehim.

Artikolu 28

TERMINAZZJONI

Dan il-Ftehim għandu jibqa' jseħħ sakemm jiġi terminat minn xi Stat Kontraenti. Sew Stat Kontraenti wieħed sew l-ieħor jistgħu jitterminaw il-Ftehim, permezz tal-kanali diplomatiċi, billi jagħtu avviż bil-miktub tat-terminazzjoni mill-inqas sitt xhur qabel tmiem xi sena kalendarja li tibda wara li jiskadi perjodu ta' ħames snin mid-data meta dan il-Ftehim jibda jseħħ. F'dak il-każ, il-Ftehim għandu jtemm milli jibqa' jseħħ:

1) fil-Montenegro: dwar taxxi fuq l-*income* miksub f'kull sena fiskali li tibda fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena kalendarja li tiġi wara s-sena li fiha jkun ingħata l-avviż ta' terminazzjoni;

2) f'Malta: dwar taxxi fuq l-*income* miksub matul xi sena kalendarja jew perjodu ta' kontijiet, kif ikun il-każ, li jibda għaddej fi jew wara l-ewwel ta' Jannar minnufih wara d-data meta jingħata l-avviż.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL f'Marseille illum 4 ta' Novembru, 2008 f'żewġ oriġinali, fl-ilsien Ingliż u Montenegrin, iż-żewġ testi huma awtentiċi ndaqs.

Tonio Borg
Għall-Malta

Milan Roćen
Għall-Montenegro